MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 317/2010

**Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Mejju 2010 fl-ismijiet 'L-Avukat Chris Said et noe vs Mary Abela pro et noe'**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-Avukati Joseph Ellis u Angele Formosa ai termini tal-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li ppremettew illi r-Registratur tal-Onorabbli Qorti tal-Appell rrilaxxa taxxa tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji fl-appell sureferit allegata bhal Dok A.

Illi l-legali tal-partijiet kienu precedentement intavolaw dikjarazzjoni kongunta ta' valuri fl-ammont ta' mija u sitta u sebghin elf sitt mija u erbgha u erbghin euro 8 centezmi (€176,644.09) u t-taxxa in kwistjoni kellha tinhadem fuq tali valur.

Illi d-dritt tal-avukat gie intaxxat fl-ammont ta' tlett elef u mitt euro (€3,100) u dana huwa manifestament m'hux konformi mal-artikolu 13 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12, tenut kont ukoll tal-provvediment tal-artikolu 38 ta' l-istess tariffa.

Illi skond il-kalkoli tal-esponenti, id-dritt ta' l-avukat u kellu jigi ntaxxat skond il-provvedimenti sucitati fl-ammont ta' sitt elef disa' mija u erba' u sittin euro (€6964).

Adixxew dina l-Onorabbli Qorti sabix tirriforma din it-taxxa fid-dawl tas-suespost.

Rat it-taxxa in kwistjoni marka Dok 'A' a fol 2 tal-atti.

Rat <u>ir-risposta</u> ta' Mary Abela a fol 7 ibid u li biha esponiet bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament din il-Qorti m'hijiex kompetenti sabiex tisma dan ir-rikors;
2. Illi minghajr pregudizzju ghal suespost l-gudizzju mhuwiex integru ghaliex f'azzjoni ta' ritassa bhal ma hija dik li qeghdin jippruvaw jittentaw ir-rikorrenti ghandhom ikunu parti l-partijiet interessati kollha;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost dan ir-rikors huwa rritwali u null stante illi din il-procedura ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili m'ihijiex relatata mal-kawza li tat lok ghat-taxxa in kwistjoni u ghalhekk l-okkju ghandu jkun tal-azzjoni per se u mhux dak tal-kawza precedenti.

L-esponenti talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara dan ir-rikors irritwali u null u tillibera lill-esponenti mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat dak verbalizzat a fol 12 waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2011.

Rat <u>in-nota ta' sottomissjonijiet</u> ta' Mary Abela (fol 13 et seq ibid) limitatament ghall-ewwel (1) eccezzjoni sottomessa minnha.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fis-7 ta' Lulju 2011 (fol 22 ibid) u r-risposta tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali (fol 23 ibid) u li biha qal bil-qima:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-taxxa kif redatta inhadmet b'mod korrett u skond il-Ligi u l-prassi f'dawn il-kazijiet b'dan illi f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja tali tassazzjoni, l-esponenti m'ghandux isofri ebda spejjez ta' tali azzjoni u/jew korrezzjoni;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent jirrileva illi huwa joqghod ghal kwalsiasi ordni li tohrog dina l-Onorabbli Qorti, izda f'kull kaz l-esponenti m'ghandux isofri spejjez ta' dawn il-proceduri;
4. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijet ulterjuri.

Bl-ispejjez kolllha kontra r-rikorrenti.

Rat l-annessa lista ta' xhieda a fol 23 ibid.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunsidrat

Illi din id-decizjoni hi limitata ghall-ewwel (1) eccezzjoni sottomessa minn Mary Abela fir-risposta taghha u li ssottomettiet illi din il-Qorti mhix kompetenti sabiex tisma' u tiddeciedi dan ir-rikors. Dwar din l-eccezzjoni fl-atti tinsab nota ta' sottomissjonijet a fol 15 et seq ibid.

Illi l-fatti in esami jirreferu ghal taxxa tad-drittijiet u spejjez mahruga b'mod ufficjali mid-Direttur, Qrati Civili u Tribunali (gja r-Registratur), skond kif jidher mid-dokument a fol 2 tal-atti fejn hemm referenza ghac-citazzjoni nurmu 25/06 AE fl-ismijiet ' L-avukat Dottor Chris Said et noe vs Mary Abela pro et nomine' deciza mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fit-28 ta' Mejju 2010. Permezz ta' rikors in esami, l-istess rikorrenti qed jikkontestaw id-dritt tal-Avukat kif intaxxat u ghalhekk gie intavolat l-istess rikors quddiem din il-Qorti.

Illi r-rikors hu bazat fuq l-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u presumibilment gie presentat a bazi tal-artikolu 47(1) tal-istess Kodici. Pero Mary Abela tikkontendi li kaz bhal dan hu ta' kompetenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili. Permezz tan-nota sottomessa minnha, Mary Abela issostni, anke permezz ta' gurisprudenza hemm citata bl-ahhar wahda ricenti moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Lulju 2004 (ara fol 14 u fol 15 ibid). Hawnhekk gie ritenut illi kawza ta' ritassa hi ta' kompetenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili, indipendentement mill-Qorti li tkun iddecidiet finalment il-kawza, relatata mat-taxxa tal-ispejjes kontestata. Ghalhekk jidher li l-ewwel (1) eccezzjoni sottomessa minn Mary Abela ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-inkompetenza ta' din il-Qorti u tillibera lil Mary Abela u lid-Direttur, Qrati Civili u Tribunali mill-osservanza tal-Gudizzju. In rigward l-ispejjes, dawn ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partjiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------